

Brussell, 14 ta' Ġunju 2022  
(OR. en)

10248/22

SOC 385  
EMPL 262  
SAN 385

#### NOTA PUNT "I/A"

---

|          |  |
|----------|--|
| minn:    | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill   |
| lil:     | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill  |
| Suġġett: | Abbozz ta' DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Italja |

---

1. Skont l-Artikoli 3 u 4 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2003/C 218/01 tat-22 ta' Lulju 2003 dwar l-istabbiliment ta' Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol, il-membri u l-membri supplenti jinħatru mill-Kunsill għal perijodu ta' tliet snin.
2. Permezz tad-Deċiżjoni tiegħu tal-24 ta' Frar 2022<sup>1</sup>, il-Kunsill ħatar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol. Madankollu, ċerti membri u membri supplenti kellhom jinħatru aktar tard.
3. Is-Segretarjat tal-Kunsill irċieva lista tan-nominazzjonijiet għall-Italja tal-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza imġedded, kif tinsab fl-abbozz ta' Deċiżjoni tal-Kunsill fid-dok. 10247/22<sup>2</sup>.

---

<sup>1</sup> ĠU C 92, 25.2.2022, p. 1.

<sup>2</sup> Test iffinalizzat mill-Ġuristi-Lingwisti.

4. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti jista' għaldaqstant jissuġġerixxi li l-Kunsill:
- (a) jadotta d-Deċiżjoni tal-Kunsill li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat ta' Konsulenza dwar is-Sigurtà u s-Saħħa fuq il-Post tax-Xogħol għall-Italja bħala punt "A", u
  - (b) jiddeċiedi li jippubblika d-Deċiżjoni, għall-informazzjoni, f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

---